# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 10**

**Rikors numru 508/2011 JPG**

**David Pace**

**v.**

**Jamie Vella**

**Il-Qorti:**

1. Rat r-rikors guramentat ta' David Pace tal-24 ta' Mejju 2011, li jaqra hekk:

> "1. Peress illi permezz ta' kuntratt datat tmienja u ghoxrin ta' Mejju 2009, l-attur xtara minghand il-konvenut l-avvjament u l-assi ta' negozju ta' provvista ta' servizz ta' skips u scammels;
>
> "2. Peress illi apparti dan kollu hu palezi fis-sistema guridika taghna li l-kuntratti fil-kummerc iridu jsiru in uberrimae fedae u sa jirrizulta li dan kien mankanti ghal kollox fin-negozju li sar bejn il-kontendenti;

“3. Peress illi wara li sar in-negozju l-attur skopra li kien gie ngannat u dan peress li l-avvjament ma kien jiswa xejn u li l-assi konsistenti fl-iskips u t-trakkijiet ma kienux aktar idonei;

“4. Peress illi dan kollu hu minhabba l-fatt li kollox kien out-dated u dan stante li ftit wara li giet ffirmata relattiva, l-iskart ried jibda jigi separat u ghalhekk l-apparat mixtri ma kienx idoneu;

“5. Peress illi tant hu minnu dan li l-maggoranza tax-xoghol ittiehed minn adzjendi ohra bhal dawk tal-Green Park u tal-Green MT;

“6. Peress illi mill-provi se jirrizulta wkoll li l-konvenut kien jaf b’dan l-istat ta’ fatt pero naturalment oskura malizzjozament mill-attur;

“7. Peress illi f’paragrafu (c) il-konvenut kien iddikajara li mhemm l-ebda fatt jew cirkostanza relatata man-negozju jew ma' l-assi li ma gietx mgharrfa lill-attur:

"'There is no fact or circumstance related to the Going Concern or to the assets known or which ought reasonably to be known to the Vendor which has not been disclosed in writing to the Purchaser prior to or contemporaneously with the execution of this deed and which, if disclosed, might reasonably, have been expected to influence the decision of the Purchaser to purchase the Going Concern and the Assets at the Consideration and/or on the terms contained in this deed or at all.”

“8. Peress illi ricentament l-attur sar jaf illi l-assi li xtara permezz tal-kuntratti in kwistjoni ma jistghux jibqghu jintuzaw minhabba li issa l-iskart qieghed jigi sseparat u allura hemm bzonn apparat differenti.

“9. Peress illi ghalkemm l-attur ma kienx jaf b’dan meta ffirma l-kuntratt de quo il-konvenut kien jaf u naqas milli jgharraf lill-attur kif ser jirrizulta waqt is-smigh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.

“10. Peress illi ghalhekk, il-kunsens ta' l-attur kien vizzjat.

“Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

“1. Tiddikjara li meta l-kontendenti ffirmaw l-ftehim datat tmienja u ghoxrin ta' Mejju 2009, ghalkemm il-konvenut kien jaf illi l-assi ma setghux jibqghu jintuzaw, naqas milli jinforma lill-attur b'dan;

“2. Tiddikjara konsegwentement illi l-kunsens tal-attur meta iffirma l-ftehim datat tmienja u ghoxrin ta' Mejju 2009 kien vizzjat;

“3. Tirrixendi l-iskrittura datat tmienja u ghoxrin ta' Mejju 2009,”

2. Rat ir-risposta guramentata ta' Jamie Vella tas-27 ta' Settembru 2011 li taqra hekk:

> "1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur;
> "2. Illi l-attur ghandu jiddikjara liema huwa l-vizzju li qieghed jibbaza t-talbiet tieghu fuqu, stante li dan mhux dikjarat;
> "3. Illi ma jinkkonkorru ebda wiehed mill-elementi mehtiega mil-ligi sabiex il-ftehim de quo jigi rexxiz;
> "4. Illi kuntrarjament ghal dak allegat fit-tieni paragrafu tar-rikors guramentat, ma jezisti ebda obbligu ta' uberrimae fidei fil-kaz de quo, izda l-grad normali ta' buone fede li solitament huwa rikjest f kuntratti;
> "5. Illi kuntrarjament ghal dak allegat mill-attur, il-klawsola V(1) tiddisponi li:
>
> "The Assets are being sold in their present state and condition or 'tale quale' without any warranties, express or implied, or conditions including, but not limited to, warranties as to latent defects, warranties of merchantable quality, satisfactory quality, merchantability or fitness for a particular purpose, or those arising by Law, statute, usage of trade, course dealing or otherwise. The entire risk as to the results and performance of the Going Concern and/or of the Assets is assumed by the Purchaser. In this respect, the Purchaser declares to have duly examined and inspected the Assets and to have duly and independently evaluated the commercial prospects of the Going Concern and to be satisfied with the Assets' present state and condition and the Going Concern's - financial and business prospects"
>
> "B'dan ghalhekk li b'din id-dikjarazzjoni huwa fl-ewwel lok qieghed jiddikjara li huwa spezzjona l-assi, u ghaldaqstant ma jistax illum jallega li huma skaduti, u fit-tieni lok, bid-dikjarazzjoni li huwa evalwa l-prospetti kummercjali tal-avvjament mibjugh, u li huwa kuntent bil-'Going Concern's financial and business prospects', ma jistax jghid illum li l-avvjament ma kien jiswa xejn.
>
> "Bl-ispejjez".

3. Rat is-sentenza li tat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Ottubu, 2014, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li cahdet l-eccezzjonijiet ta' Jamie Vella, laqghet it-talbiet ta' David Pace u rrixindiet

l-iskrittura datata 28 ta’ Mejju 2009 fl-atti tan-Nutar Joseph Smith La Rosa, bl-ispejjez kontra l-intimat Jamie Vella.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> “Illi mix-xhieda prodotta jirrizulta illi David Pace, permezz ta' kuntratt datat 28 ta' Mejju 2009, xtara minghand Jamie Vella l-avvjament u l-assi ta' negozju ta' provvista ta’ servizz ta' skips u scammels – vide fol. 15 sa 32.
>
> “Illi Pace jallega li wara li sar in-negozju huwa skopra li kien gie ngannat u dan peress li l-avvjament ma kien jiswa xejn u li l-assi konsistenti fl-iskips u t-trakkijiet ma kienux iktar idoneji u dan minhabba l-fatt li kollox kien out-dated ghaliex ftit wara li giet iffirmata l-iskrittura de quo, l-iskart ried jibda jigi separat u ghalhekk l-apparat mixtri ma kienx idoneju.
>
> “Illi minhabba f’hekk Pace ma setax jiehu x-xoghol jew parti mix-xoghol li kien hemm f’dan is-settur u socjetajiet ohra li kellhom l-appart idoneju hadu dan ix-xoghol.
>
> “Pace allega li ma kienx jaf bit-tibdil fis-sistema meta iffirma l-kuntratt de quo izda li Jamie Vella kien jaf u naqqas milli jgharraf lil Pace.
>
> “Pace xehed illi huwa ma kien hallas xejn meta iffirma l-kuntratt ghaliex il-hlas kellu jsir xi sena wara. Pace xehed illi ghar-rigward ta’ wiehed mit-trakkijiet, dan mill-ewwel ma bediex jahdem, waqt illi l-iehor wara gimgha gralu hsara fix-chassis, u meta mar ghand il-mechanic qallu illi ma kienx ekonomikament vijabli biex jissewwa. Illi ghaldaqstant huwa kellu jixtri it-trakkijiet minn barra bi prezz ta’ sebghat elef ewro (€7,000). Illi di piu, rrizulta illi minkejja l-kuntratt kien jitkellem dwar tmenin skip, parti sostanzjali ta’ dawn l-iskips kienu jappartjenu lil terz u cioe certu Zeppu, li gabar nofs l-iskips ghax sostna li kienu tieghu.
>
> “Illi mill-affidavit tieghu minn fol. 41 sa 44 David Pace xehed illi huwa sar jaf bin-negozju ta’ Vella ghaliex fil-bidu s-socjeta Greenlines kienet interessata li tixtri in-negozju ta’ Vella. Jinghad illi dak iz-zmien David Pace kien jahdem ma’ Greenlines li ghaldaqstant talbitu biex jiehu ir-ronda ta’ Vella halli jaraw jekk in-negozju kienx jghodd ghal-Greenlines. Greenlines fil-fatt ma kinitx intrigat sabiex tiehu ix-xoghol ta’ Vella. Nelfrattemp David Pace ma baqghax jahdem ma’ Greenlines u thajjar jiehu x-xoghol ta’ Jamie

Vella. David Pace xehed illi ghalkemm ipprova jakkwista loan minghand il-banek, huwa ma rnexxielu jikseb ebda facilita' bankarja. Illi sussegwentement il-partijiet ftehmu li Pace ihallas lil Vella wara sentejn, mill-qliegh li jkun ghamel mix-xoghol stess. Gie muri trakk Sedon Atkinson u trakk iehor tal-marka ERF bil-high up mieghu u Vella accertah illi jahdmu. Sar il-kuntratt quddiem in-Nutar Smith La Rosa.

"Pace xehed illi biex il-mechanic dahrlu l-Atkinson nefaq elf lira Maltin (Lm1,000). Illi di piu mal-ewwel gurnata dan waqaf. Meta informa b'dana kollu lil Vella, Vella ippropona illi jbieghlu trakk iehor tal-marka SD ghal prezz ta' elfejn lira. Pace xehed li kien daru mal-hajt u kien kostrett li jixtri dan it-trakk biex ikun jista' jahdem. Gara' illi anke dan it-trakk inqalghulu problemi kbar u hadem biss ghal madwar xahar, ghaliex kellu ix-chassis iwweldjat u dan ix-chassis inkiser. Nelfrattemp is-Sindku tal-Mellieha beda jilmenta ma Pace illi ma riedux jahdem ir-rotta b'dawk it-trakkijiet li kien bieghlu Vella ghaliex kienu jdahhnu u jwaqqghu iz-zibel. Illi di piu' parti kbira mill-iskips kienu ittimbrati bil-marka NC u Zeppu beda jigbor dawn l-iskips hekk immarkati u informa lil Pace illi Vella kien seraqomlu. Minkejja illi Pace kien informa b'dana kollu lil Vella, Vella kien jghidluli ma setgha jaghmel xejn.

"Mix-xhieda ta' Stefan Fenech, Direttur tal-Paradise Bay Hotel a fol. 54 et seq. irrizulta illi David Pace beda jiehu hsieb l-iskart mill-1 ta' Gunju 2009 sal-31 ta' Ottubru 2010, f'liema data informahom li ma setghax ikompli.

"Joseph Deguara a fol. 58 et seq. Direttur tal-Panorama Hotel Mellieha, ikkonferma xhieda tax-xhud precedenti, izda qal illi Pace ma baghax jaghti s-servizz tal-gbir tal-iskart. Deguara sostna li dan is-servizz ma kienx tajjeb – vide fol. 59.

"Minn naha l-ohra Jamie Vella xehed (a fol. 40 sa 42 tal-atti 636/2011), illi huwa kien ilu fin-negozju tal-iskips u l-iskammels ghal madwar ghaxar snin u xtaq illi jieqaf, "l-ghaliex ma riedx illi jahdem iktar bil-lejl."

"Pace, li kien jahdem ma' Greenlines kien ghamel bejn erbgha u hames gimghat idur ir-ronda mieghu sabiex jidra r-rotta. Vella ikkonferma illi Pace ma kisibx facilita bankarja u ghalhekk hu (Vella) accetta illi l-pagamenti jibdew isiru wara sentejn. Vella xehed illi huwa ghadda l-lista tal-klijenti tieghu lil Pace u laqqaghom mieghu. Ikkonferma ukoll illi huwa inghata hames cekkijiet ta' hames mija u disghin ewro (€590) minghand Pace, izda ssarfu biss l-ewwel tnejn. Dawn ic-cekkijiet jirreferu ghall-oggetti ohra illi kien biegh lil Pace wara li kien sar il-kuntratt, u jinkludu apparat tal-welding u power wash. Vella xehed illi insegwitu tal-kuntratt, dahhlet is-sistema tas-separazzjoni tal-iskart li kienet ilha imsemmija illi sejra tidhol:

"... lil David ma qaghdx nghidlu xejn fir-rigward ta' dan, (il-bdil fis-sistema tal-gbir tal-iskart) ma kontx naf meta ser tidhol din is-sistema. Din is-sistema kienet tfisser li trid thalli tlett skips ghand il-klijent." (Ibid.)

"Vella xehed li huwa kien dejjem uza l-istess apparat li biegh lil David u qatt ma kellu problemi. Vella xehed illi huwa kellu lista ta' klijenti cioe' lukandi u ristoranti kollha fl-inhawi tal-Mellieha u kien jarmi l-iskart il-Maghtab. Vella xehed illi Pace sahansitra kien halla skips warajh fil-Paradise Bay Hotels, beda jitraskura u ma bediex jigbor l-iskart ta' kuljum.

"Vella, in kontro ezami, ma setghax jghid meta dahlet is-sistema tar-reciklagg, izda jghid li zgur li kien ghadda xahar mid-data tal-iffirmar tal-kuntratt.

"Vella xehed li din is-sistema ta' reciklagg kienet tinvolvi hlas ghal kull operazzjoni li ssir: "Jekk inti ha tmur tigbor separatament, ser tithallas separatament," izda li kienet tirrikjedi izjed skips. A fol. 71, Vella innega li l-iskips illi biegh lil Pace kienu ta' terzi.

"Ikkonsidrat:

"Illi l-attur f'din il-kawza talab sabiex din il-Qorti: tiddikjara li meta il-kontendenti ffirmaw l-ftehim datat tmienja u ghoxin ta' Mejju 2009, minkejja li l-konvenut kien jaf illi l-assi ma setghux jibqghu jintuzaw, naqas milli jinforma lill-attur b'dan: in oltre, tiddikjara konsegwentement illi l-kunsens tal-attur meta ffirma l-ftehim datat tmienja u ghoxrin ta' Mejju 2009 kien vizzjat u konsegwentement tirrexxindi l-iskrittura datat tmienja u ghoxrin ta' Mejju 2009.

"Illi ghal dawn it-talbiet l-konvenut f'din il-kawza ppresentat varji eccezzjonijiet. Il-Qorti taghmel accenn ukoll ghal-fatt illi l-konvenut ippresenta wkoll rikors guramentat fejn talab li David Pace jigi kkundannat ihallas is-somma ta' €41,770 rappresentanti din is-somma debiti varji skont l-iskrittura tat-28 ta' Mejju 2009.

"Illi ghalhekk din il-kawza instemghet kontestwalment ma' kawza ohra li hemm fl-ismijiet inversi (Citaz. Nru 636/11JPG).

"Illi ghalhekk il-kawzi Nru. 636/11JPG u Nru. 508/11JPG instemghu kontestwalment u din il-Qorti tqis illi l-ewwel materja li kellha tigi ezaminata u deciza kienet jekk il-kunsens ta' Pace kienx ivvizzjat meta ffirma l-iskrittura tat-28 ta' Mejju 2009 li permezz taghha xtara l-avvjament u trakkijiet ta' gbir ta' skart minghand il-konvenut. Dan ghaliex din il-materja hija l-qofol tal-eccezzjonijiet odjerni u tat-talbiet fil-kawza Citaz. Nru. 636/11JPG.

"Ikkonsidrat:

“Illi dwar il-kuncett ta’ buona fede fil-kuntratti, l-awtur ewlieni Alberto Trabucchi fil-ktieb tieghu Istituzioni di Diritto Civile, jirritieni (Vide Para. 281):

> ‘Se crediamo, come dobbiamo credere, nel progressivo riconoscimento del valori sociali, la buona fede nel diritto moderno deve affermarsi come regola aurea del rapporto obbligatorio.’

“Dan l-awtur kien tal-opinjoni li fl-obbligazzjonijiet in generali u ghalhekk anke dwar il-kuntratti, kien essenzjali li dawn jigu regolati mill-buona fede, li huwa element baziku u fondamentali ghall-kuntratti.

“Fil-fatt dan l-awtur jiddeskrivi l-artikolu 1175 tal-Kodici Civili Taljan, u cioe l-artikolu dwar il-boni fidi fil-kuntratti bhala l-pulmun tad-dritt posittiv: ‘il debitore e il creditore devono comportarsi secondo le regole della correttezza, in relazione alle esigenze del mercato e ai principi di solidarieta umana e sociale.’

“Dan l-awtur ikompli jaghti ezempji tal-obbligu tal-buona fede:

> ‘Obbligo di correttezza e dovere di buona fede rispondono a uno stesso criterio. E ne troviamo numerose, significative, espressioni in molte norme del Codice. La buona fede e`richiesta nel contegno delle parti durante le trattative (art. 1337; V. § 70); la buona fede e richiesta nell'interpretazione (art. 1366; v. § 77) e nell'esecuzione del contratto (art. 1375; v. § 75). Anche l'interessante disposizione dell'art. 1338 si deve considerare nello stesso spirito; non c'e` pui solo il fair play, ma la solidarieta` sociale impone perfino l'obbligo di mettere sull'avviso la controparte circa le possibili cause di invalidita del contratto che si vuele concludere. La violazione della correttezza nella vita economica è prevista come un caso, da perseguire, di concorrenza sleale’ (art. 2598, n. 3) (2).

“Illi d-dmir tal-korrettezza u buona fede jehtieg kollaborazzjoni minima li ghandha tifforma parti ta’ kull sistema legali moderna. Din is-solidarjetà hekk stabbilit hija mahsuba biex tnaqqas l-element egoistiku fil-formulazzjoni tal-kuntratti jew obbligazzjonijiet in generali. Dawn il-principji ghandhom ikunu fundamentali fir-relazzjonijiet legali tant li jrid inkun hemm l-aspettattiva li kull kontraendi qed jigi ttrattat skond dawn l-istandards ta' onestà u l-gustizzja.

“Illi xi uhud mill-elementi ta’ dan il-principju huma imposti anke fis-sistema guridika taghna. L-Artikolu 993 tal-Kodici Civili jiddisponi li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi. Din ir-regola ma tirrigwardax biss l-mument tal-esekuzzjoni tal-kuntratt izda il-kejl japplika wkoll fl-istadju anterjuri ghall-formazzjoni tal-kuntratt. Infatti fil-kawza Baldacchino vs Ic-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta

et, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Ottubru, 2006, intqal a propositu:

> 'Innegabilment, il-metru ta' dik il-bona fide li jippreciza l-Artikolu 993 tal-Kodici Civili, u li bih jitkejjel l-ezekuzzjoni tal-kuntratti in generali, ghandu jkollu, b'adozzjoni, post xieraq anke fl-istadji anterjuri ghall-konkluzjoni tal-kuntratt. Hekk bil-metru ta' dan l-istess principju, l-parti li tghid li ssubiet dannu tista' ggib 'l quddiem, prova ta' mgieba soggettiva ta' malafede fil-kontroparti jew anke prova ta' kondotta merament kolpuza fejn dik il-kontroparti tkun, bla motiv gust, naqset b'tali mod li twassal biex teludi l-aspettattivi tal-offerent fejn dan ikun ippresta fidi, bl-offerta tieghu, fuq il-konkluzjoni tal-kuntratti.'

"Di piu fil-kawza fl-ismijiet George Vella et vs Sammut Concrete Supplies Ltd. (Deciza mill-Prim Awla fid-19 ta' Novembru, 2013 (Citazzjoni Numru. 2022/2000/1), il-Qorti irriteniet li l-regola tal-buona fede tapplika mhux biss ghal dak li jinghad fil-kuntratt, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha tali obbligazzjoni.

"Illi b'hekk huwa car li l-buona fede, fil-kuntest tas-sistema guridika Taljana, hija simili ghall-kuntest tas-sistema taghna. Tali principji imposti mill-artikoli tal-ligi u mill-gurisprudenza jikkorrispondu ghad-dmir li wiehed jagixxi minghajr ma jippregudika l-interessi ta' haddiehor barra mill-limiti tal-protezzjoni legittima taghhom stess.

"Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-kuncett tal-uberrimae fidae huwa kuncett li japplika biss f'kazijiet specifici bhala kuntratti tal-assigurazzjoni izda mhux f'kull kuntratt ta' natura purament kummercjali. Il-Qorti ghalhekk fl-isfond tal-kuncett ta' buona fede hawn fuq deskritt, bl-elementi indikati, sejra tezamina jekk fil-fatt l-buona fede da parti tal-konvenut kienitx nieqsa meta gie iffirmat il-kuntratt bejn il-partijiet.

"Illi in oltre, l-Qorti trid tara jekk jissusistux l-elementi tal-artikolu 974 tal-Kodici Civili jipprovdi li:

> "Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza, jew b'eghmil doluz, ma jkunx jiswa".

"In partikolari f'din il-kawza qed jigi allegat li kien hemm qerq ossia eghmil doluz da parti tal-konvenut. L-Artikolu 981 jghid: (1) L-eghmil doluz huwa motiv ta' nullita tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kienitx tikkuntratta. (2) L-eghmil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat.

"Fil-kawza Angela Galea et vs Grazio u Mary Lourdes konjugi Borg (deciza fil-11 ta' Lulju, 2008 mill- Qorti Tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri) il-Qorti qalet:

> "(1) Il mantenimento dei contratti e' di interesse generale, perche' e' principio d'ordine pubblico e di pubblikca economia che i titoli di proprieta' sian fermi e stabili: siffata considerazione impone che nella causa d'impugnazione di contratto per vizio di consenso si proceda colla massima circospezione perche' non si abbia ad annullare un atto che dovrebbe rimanere in vigore.
> "(2) I principi che regolano il dolo si devono applicare con maggior rigore quando trattasi di un atto a titolo gratuito che quando trattasi di un contratto a titolo oneroso (Laurent XI,127).
> "(3) A provare il dolo bastano gli indizi e le congetture, purche' siano gravi e concordanti, si da generare la convinzione che la liberalita' o il contratto impugnato e' stato l'effetto dei raggiri usati dall'altra parte o da terzi" (Innocenzo Galea vs M. Zammit deciza fit-3 ta' Dicembru 1919 mill-Qorti ta' l-Appell – Vol. XXIV.i.203).

"Dik il-Qorti ghamlet referenza ghall-osservazzjonijiet li ghamlet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Gio Maria Camilleri vs Joseph Cachia et deciza fil-31 ta' Jannar 2003:

> "(a) "A costituire i raggiri non basterebbe il fatto di un predominio acquistato ed esercitato da una persona sull'altra per indurla al contratto, ma occore un'elemento specifico costituito dalle false rappresentazioni, dagli artifizi fraudolenti, dallo inganno, usati quale mezzo per raggirare la scarsa intelligenza dell'altro contraente" - "Giovanni Farrugia Gay -vs- Emaneule Farrugia Gay", Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Mejju 1921 (Vol. XXIV P II p 578); (Enfasi ta din il-Qorti).
> "(b) "I raggiri usati da uno dei contraente sono stati tali che senza di essi l'altra parte non avrebbe contratto" ("Terese Galea -vs- Salvatore Bonnici" a Vol. X pagna 592. Fi kliem iehor l-ingann irid ikun il-kawza determinanti li ta lok ghal ftehim li ghaqqad in-negozju ("Alice Cassar Torreggiani -vs- Albert R. Manche`", Appell Civili, 17 ta' Marzu 1958 (Vol. XLII P I p 126);
> "(c) Kif stabbilit fis-subinciz (2) ghall-Artikolu 981, id-dolo jew frodi ma huwa qatt prezunt izda jrid jigi pruvat minn min jallegah. Trid allura ssir il-prova li parti wahda uzat "scienter" raggiri frawdolenti u artifizji li kienu gravi ("Joseph Mifsud nomine vs Paul Tanti" u "Josephine mart Francis Galea vs Perit Walter Caruana Montaldo", iz-zewg kawzi decizi rispettivament fl-4 ta' Frar 1965 u s-16 ta' Dicembru 1970)".

"Ikkonsidrat:

"Din il-Qorti tgharaf illi fil-kaz in ezami l-attur kien semplici impjegat, (driver ta' scammel) mal-Greenlines, u minkejja illi ghamel ma' madwar xahar idur ir-rotta ma' Jamie Vella, Jamie Vella f'ebda mument tul in-negozjati, ma gibed l-attenzjoni l-attur li s-sistema ta' separazzjoni tal-iskart kienet appena li ser tidhol in vigore. Illi z-zamma ta' din l-informazzjoni daqs tant essenzjali, giet pjenament ammessa minn Jamie Vella meta afferma:

"... lil David ma qaghdx nghidlu xejn fir-rigward ta' dan, (il-bdil fis-sistema tal-gbir tal-iskart) ma kontx naf meta ser tidhol din is-

sistema. Din is-sistema kienet tfisser li trid thalli tlett skips ghand il-klijent.” (a fol. 41- 42 fl-atti 636/2011)

“Din il-Qorti issibha difficli immens biex temmen il-verzjoni ta’ Jamie Vella, li wara tnax-il sena esperjenza fil-mistier, ghazel li jbiegh in-negozju fi zmien vicin hafna (ftit iktar minn xahar) minn meta din is-sistema ta’ separazzjoni tal-iskart dahhlet fis-sehh. Ghall-kuntrarju din il-Qorti temmen, illi kienet attwalment il-migja imminenti ta’ din is-sistema tas-separazzjoni tal-iskart, illi wasslet lil Vella sabiex ibiegh in-negozju tieghu. Ta’ min jinnota illi s-socjeta’ Greenlines kienet ghazlet illi ma tassumiex in-negozju ta’ Vella.

“Di piu jirrizulta mill-provi prodotti illi Jamie Vella kien biegh z-zewg trakkijiet lill-attur David Pace li kienu misjurin sew, u li waqqfu jahdmu ftit wara li gew assenjati lil Pace, tant li Pace kien kostrett jixtri trakkijiet ohra minn barra minn Malta, bi spiza ulterjuri ta’ sebghat elef lira Maltin. In oltre jirrizulta wkoll illi minkejja li s-sistema l-gdida ta’ separazzjoni tal-iskart, kienet tirrikjedi zieda ta’ skips, jirrizulta illi nofs l-iskips li kellhom jigu konsenjati mal-kuntratt, kienu fil-fatt proprjeta ta’ terz, certu Zeppi li qabad u gabarhom. Fl-isfond ta’ dawn ic-cirkostanzi kollha kien impossibli ghal Pace li jkompli jopera.

“Illi skond Dok. A il-kuntratt bejn il-partijiet, - vide fol. 4, il-bejjiegh u cioe Jamie Vella iggarantixxa fi Klawsola V(c) li :

> “There is no fact or circumstance relating to the Going Concern or the Assets known or which ought reasonably to be known to the Vendor, which had not been disclosed in writing to the Purchaser prior to or contemporaneously with the execution of this deed and which, if disclosed, might reasonably have been expected to influence the decision of the Purchaser to purchase the Going Concern and the Assets at the Consideration and/or on the terms contained in this deed or at all.

“Din il-Qorti tqis illi l-migja imminenti tad-dhul in vigore tas-sistema tal-iskart kienet fattur kardinali li kellu jigi mgharraf lil Pace qabel l-iffirmar tal-kuntratt meritu tar-rikors.

“Illi l-Qorti hija tal-fehma illi apparti l-kwistjoni principali li fil-fatt Jamie Vella kien jaf li kienet ser tinbidel is-sistema ta’ gbir tal-iskart u zamm dan mistur mill-attur u kompla bin-negozju, l-Qorti trid tanalizza wkoll, l-effett jew l-impatt fil-bdil tas-sistema tal-gbir tal-iskart, u jekk kienx ta’ tali piz li l-attur, kieku kien jaf, ma kienx ser jidhol ghal dan in-negozju.

“Il-Qorti tifhem illi l-bidla fis-sistema tal-iskart kellha impatt kbir fuq in-negozju li Vella biegh lill-attur, ‘l ghaliex din is-sistema kienet tirrikjedi ferm aktar xoghol, u ferm aktar skips, operazzjoni ta’ tindif aktar spissi, u rondi aktar frekwenti. Illi din il-Qorti tqis illi Jamie Vella u socjetajiet ohra f’dan it-tip ta’ negozju, kienu jafu illi l-bidla

fil-gbir tal-iskart kienet imminenti, u ghaldaqstant dan kien fattur illi certament jaqa taht l-Klawsola V(c), u cioe fattur li kellu jigi komunikat lill-attur Pace, kif kellu ukoll jigi spjegat lilu il-konsegwenzi li din is-sistema ta' separazzjoni ta' skart kellha iggib maghha. Illi l-bejjiegh Vella permezz ta' Klawsola V(c) estenda ukoll l-istess garanzija fuq l-assi tan-negozju, inkluzi allura l-iskips, liema assi irrizultaw illi fil-fatt kienu jappartienu lil terzi. Dawn iz-zewg fatturi u cioe' d-dhul imminenti fl-operazzjoni tas-sistema tas-separazzjoni tal-iskart u l-kwantita ta' skips bhala fatturi, zgur illi kieku gew mgharfa lill-attur, kienu ser jinfluwenzaw b'mod negattiv, id-decizjoni tal-attur fix-xiri tan-negozju u l-assi skond il-prezz miftiehem. Illi di piu' l-ingenji illi gew mibjugha lill-attur, l-ingenji essenzjali ghan-negozju tal-gbir tal-iskart, ma kienux kapaci illi jwettqu l-iskop 'l ghaliex kienu nbieghu, u din il-Qorti tifhem illi Vella certament kien jaf sewwa bil-kondizzjoni mweghra ta' dawn l-ingenji kif kien jaf ukoll bl-ilmenti li l-awtoritajiet kienu ghamlu dwarhom. Il-Qorti tifhem u tqis illli Vella permezz ta' dan il-kuntratt kien qed jehles minn dawn l-ingenji.

"Illi din il-Qorti qieset il-Klawsola V(c) tal-kuntratt u il-Klawsola VI tal-kuntratt datat 28 ta' Mejju 2009 fl-atti tan-Nutar Smith La Rosa u cioe fejn l-assi gew mibjugha tale quale u din il-Qorti tgharaf illi l-Klawsola VI hija kompletament konfliggenti mal- Klawsola V(c) u dan ukoll huwa indizju iehor car tal-mala fede da parti tal-intimat."

5. Rat ir-rikors tal-Appell tal-konvenut Jamie Vella li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u filwaqt li tichad it-talbiet tal-attur appellat, tilqa' l-eccezzjonijiet tal-appellanti u tiddikjara illi huwa agixxa in bona fede u fl-ebda mument waqt it-trattattivi ghal bejgh tal-avvjament tan-negozju konsistenti fi skips u scammels, ma qarraqx bl-appellat u ghalhekk li l-kunsens tal-appellat ma kienx ivvizzjat u tikkonferma li l-ftehim tat-28 ta' Mejju 2009 ta' bejn il-partijiet huwa validu u tordna lill-appellat jadixxi mal-obbligi minnu kontrattati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

6. L-appellat wiegeb li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi kkonfermata bl-ispejjez kontra l-appellanti.

7. Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

8. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

9. Rat il-verbal tal-24 ta' April 2013 fejn l-atti tar-rikors guramentat 636/2011 fl-ismijiet inversi, qeghda tinstema kontestwalment mal-kawza odjerna u fejn il-partijiet qablu li xhieda moghtija fl-atti tar-rikors 636/2011 ghandhom japplikaw ukoll ghal din il-kawza (a fol. 53);

**L-ewwel aggravju – kunsens vizzjat**

10. L-appellanti jghid li l-ewwel Qorti ddecidiet li hu qarraq bl-appellat meta bieghlu l-avvjament tan-negozju ghar-raguni li messu nfurmah bil-fatt illi l-iskart kien ser jibda jigi separat. L-appellant isostni li l-appellat kien midhla tan-negozju ta' gbir ta' skart u kien sub-kuntrattur mal-Greenlines, kumpannija li taghmel l-istess xoghol u ghalhekk ma setax ma jkunx jaf li l-iskart kellu jibda jigi separat. L-appellat kien dam madwar hames gimghat imur mal-appellanti jara x-xoghol qabel iffirma l-ftehim. Inoltre t-tibdil li kellu eventwalment isehh qatt ma sehh matul il-perjodu li waqtu l-appellat kien ha taht idejh in-negozju.

11. L-appellant jissottometti li l-appellat istitwixxa dawn il-proceduri biex jitlob ir-rexissjoni tal-ftehim tal-28 ta' Mejju 2009 proprju mal-iskadenza tas-sentejn li fihom l-appellat kellu jhallas lill-appellant tan-negozju mixtri. Difatti l-kawza giet ipprezentata fil- 24 ta' Mejju 2011. L-appellat kien tilef in-negozju ta' gbir ta' skart minhabba traskuragni tieghu ghax ma kienx qed jigbor l-iskart fil-hin, ghalhekk sab l-okkazzjoni biex ma jhallasx dak li kien dovut lill-appellant billi gab l-iskuza li ma kienx infurmah li l-iskart kien se jibda jigi separat. L-appellant jichad li hu mexa b'mala fede jew li pprova jqarraq bl-appellat.

12. L-appellat wiegeb ghal dana l-aggravju billi qal li l-ewwel Qorti sabet li l-appellanti kien naqas li jinforma lill-appellat li l-iscammels ma setghux jintuzaw aktar, ghaliex kienet se tidhol sistema gdida li huwa kien diga jaf biha. In-necessita tal-buona fede ghandha tissussisti kemm fl-istadju tat-trattativi qabel il-kuntratt, fil-hin tal-iffirmar tal-kuntratt u fil-hin tal-esekuzzjoni tieghu. L-appellanti kien ghamel zmien imur mal-appellat fuq ir-rotta ghalhekk kellu zmien bizzejjed biex jinforma lill-appellat bit-tibdil li kien gej.

**It-tieni aggravju – skips u scammels outdated**

13. L-appellanti jghid li l-iskips u l-iscammels li gew mixtrija mill-appellat huma l-istess ingenji li l-appellat kien uza u spezzjona matul il-hames gimghat li ghamel idur mal-appellanti qabel iffirma l-ftehim. L-appellat kien jaf bl-istat li fih kienu jinsabu l-ingenji kif jirrizulta mill-klawsola V(1) tal-ftehim fejn hu xtara tale quale, kien spezzjona l-assi u kien kuntent bl-avvjament . Sahansitra l-appellat zmien wara li sar il-ftehim rega xtara makkinarju iehor minghand l-appellanti li ma hallasx ghalih. Dwar l-iskips li l-appellat jghid li kienu ta' terzi, l-appellant jghid li dina l-allegazzjoni tinsab biss fl-affidavit tal-appellat u ma saret ebda prova konkreta biex tissostanza dak allegat.

14. L-appellat wiegeb li l-ewwel Qorti sabet li kien hemm nuqqas ta' buona fede da parti tal-appellanti ghaliex kien jaf li l-assi ma setghux jintuzaw u naqas li jinforma lill-appellat b'dan.

**It-tielet aggravju – kunflitt bejn klawzoli**

15. L-ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha li l-kunsens tal-appellat kien ivvizzjat b'referenza ghal klawsola V(c) tal-ftehim li kien in konflitt mal-klawsola V(1) fis-sens li l-appellant ma kienx qallu fatt rilevanti u sostanzjali li l-iskart kien ser jibda jigi separat. L-appellant jghid li n-negozju ma sehhx minn lejl ghan-nhar u l-appellat kien ilu snin jahdem f'dan ix-xoghol ghalhekk ma kienx estranju ghas-sistema adoperata u s-

sistema l-gdida li kellha tibda tithaddan. Meta gie ffirmat il-ftehim l-appellat kien akkumpanjat minn missieru u l-ftehim kien gie spjegat lilhom minn Nutar. L-appellat ma kienx deher bl-avukat ghax kien jafda lill-appellanti.

16. Dwar dana l-aggravju l-appellat wiegeb li dak deciz mill-ewwel Qorti kien wiehed marginali imma li kompla kkonvinca lill-istess Qorti favur it-tezi tal-appellat izda din ma kinitx ir-raguni principali tad-decizjoni.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

17. F'din il-kawza l-attur (illum appellat) talab lill-Qorti tiddikjara li l-kunsens tieghu kien vizzjat u konsegwentement il-Qorti giet mitluba tirrexxindi l-imsemmija skrittura ghax il-konvenut (illum appellant) naqas li jinfurmah bid-dhul imminenti fl-operazzjoni tas-sistema tas-separazzjoni tal-iskart u li l-assi li bieghlu ma setghux jibqghu jintuzaw.

18. L-appellant kien ipprezenta diversi eccezzjonijiet u anke qal li pprezenta rikors guramentat 636/2011 fl-ismijiet inversi fejn talab li l-appellat jigi kkundannat ihallas is-somma ta' €41,770 rapprezentanti debiti varji u l-ammont skont l-iskrittura tat-28 ta' Mejju 2009 li qed tigi attakkata.

19. L-ewwel Qorti laqghet it-talba tal-attur/appellat u ddecidiet li l-kunsens tal-attur kien ivvizzjat meta ffirma l-iskrittura tat-28 ta' Mejju 2009.

20. L-ewwel Qorti kkonkludiet hekk:

> “Dawn iz-zewg fatturi u cioe` id-dhul imminenti fl-operazzjoni tas-sistema tas-separazzjoni tal-iskart u l-kwantita` ta’ skips, zgur illi kieku gew mgharfa lill-attur, kienu ser jinfluwenzaw b’mod negattiv id-decizjoni tal-attur fix-xiri tan-negozju u l-assi skond il-prezz miftiehem. Illi di piu’ l-ingenji illi gew mibjugha lill-attur, l-ingenji essenzjali ghan-negozju tal-gbir tal-iskart, ma kienux kapaci illi jwettqu l-iskop ‘l ghaliex kienu nbieghu, u din il-Qorti tifhem illi Vella certament kien jaf sewwa bil-kondizzjoni mweghra ta’ dawn l-ingenji kif kien jaf ukoll bl-ilmenti li l-awtoritajiet kienu ghamlu dwarhom. Il-Qorti tifhem u tqis illi Vella permezz ta’ dan il-kuntratt kien qed jehles minn dawn l-ingenji.
>
> “Illi din il-Qorti qieset il-Klawsola V(c) tal-kuntratt u il-Klawsola VI tal-kuntratt datat 28 ta’ Mejju 2009 fl-atti tan-Nutar Smith La Rosa u cioe` fejn l-assi gew mibjugha tale quale u din il-Qorti tgharaf illi l-Klawsola VI hija kompletament konfliggenti ma Klawsola V(c) u dan ukoll huwa indizju iehor car tal-mala fede da parti tal-intimat.”

**L-ewwel aggravju – kunsens vizzjat**

21. L-appellant ma qabilx mal-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti u fl-ewwel aggravju tieghu jichad li hu mexa b’mala fede jew li pprova jqarraq bl-appellat ghalhekk l-kunsens tal-appellat ma kienx ivvizzjat. Bazikament l-appellant mhux qed jaqbel mal-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti fir-rigward.

22. Ghalkemm bhala regola din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti maghmul minn qorti tal-ewwel grad jekk mhux f'cirkostanzi eccezzjonali jew meta jkun intwera li dak l-apprezzament ikun wiehed mhux ragonevoli jew mhux mibni fuq il-fatti processwali, madankollu, huwa minnu wkoll li "Il-Qorti tal-Appell ghandha awtonomija shiha fl-apprezzament tal-fatti u ghandha kull setgha tinterpreta l-fatti mod iehor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidhol kredibilita` ta' xhieda li l-ewwel Qorti tkun semghet viva voce qorti ta' revizjoni ma hijiex sejra facilment tiddisturba l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti, u lanqas ma taqleb il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti meta din tkun ghazlet bejn zewg possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell ghandha s-setgha tikkoregi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun zbaljat irrispettivament mill-gravita tal-izball. Izzid tghid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bhal taghna fejn jezisti grad wiehed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qieghda tonqos mid-dmir taghha jekk tabdika mir-responsabilita` taghha li taghmel apprezzament awtonomu tal-fatti" (ara **Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr Joseph Muscat, Prim Ministru et**, App 14/12/2018).

23. Ghalhekk din il-Qorti hija obbligata li tevalwa mill-gdid il-provi in atti.

24. L-ewwel Qorti iddecidiet principalment li l-kunsens tal-appellat kien ivvizzjat ghax l-appellant qarraq bl-appellat meta ma infurmahx qabel il-kuntratt bid-dhul imminenti fl-operazzjoni tas-sistema tas-separazzjoni tal-iskart. Dik il-Qorti qieset illi l-migja imminenti tad-dhul in vigore tas-sistema tal-iskart kienet fattur kardinali li kellu jigi mgharraf lil Pace qabel l-iffirmar tal-kuntratt.

25. L-Ewwel Onorabbli Qorti fid-decizjoni taghha tat piz kbir, u bbazat id-decizjoni li l-kunsens tal-appellat kien ivvizzjat b'referenza ghall-klawsola V(c) tal-ftehim li tghid hekk:

> "There is no fact or circumstance relating to the Going Concern or the Assets known or which ought reasonably to be known to the Vendor, which had not been disclosed in writing to the Purchaser prior to or contemporaneously with the execution of this deed and which, if disclosed, might reasonably have been expected to influence the decision of the Purchaser to purchase the Going Concern and the Assets at the Consideration and/or on the terms coentained in this deed or at all."

26. L-ewwel Qorti ikkunsidrat li l-appellat kien xufier u ma kienx jaf bit-tibdil li kien se jsir fl-operazzjoni tas-sistema u li kieku gie infurmat mill-appellant ma kienx jidhol ghal dak in-negozju.

27. L-appellant ma jaqbilx mal-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti ghal diversi ragunijiet. Hu jsostni li l-ewwel Qorti naqset milli tqies ic-cirkostanzi u l-fatti ta' kif zvolgew in-negozjati.  Il-bejgh tan-negozju ma sehhx minn lejl ghan-nhar. Ghal kuntrarju, l-appellat kien ilu snin jahdem f'dan ix-xoghol u kif ikkonferma huwa stess fl-affidavit tieghu, hu kien jahdem ma'

Greenlines, ghalhekk ma setax kien estran ghal sistema adoperata ta' gbir ta' skart u s-sistema l-gdida li kien ilha tissemma illi sejra tidhol. L-appellat kien isuq u jigbor l-iskips personalment mas-socjeta` Greenlines u kien ben konsapevoli ta' dak kollu li kien jinvolvi x-xoghol u l-volum tax-xoghol ghaliex kien ihaddmu huwa stess. L-appellat ma kienx "semplici impjegat". Hu evalwa l-qliegh tan-negozju li kien se jakkwista u kemm ser ihallilu u wara li Greenlines ma waslux biex jixtru l-avvjament huma minghand l-appellant, kien l-appellat li dahal ghan-negozju u xtara l-avvjament minghandu.

28. Bhala konsiderazzjonijiet ta' bixra legali dwar il-kaz il-Qorti tirreferi ghall-artikolu 974 tal-Kodici Civili li jipprovdi:

> "Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza, jew b'eghmil doluz, ma jkunx jiswa."

29. L-Artikolu 981 jghid:

> "(1) L-eghmil doluz huwa motiv ta' nullita` tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kienitx tikkuntratta.
>
> "(2) L-eghmil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat."

30. Skont Art. 993 tal-Kap.16 il-kuntratti ghandhom jigu ezegwiti in bona fede u jobbligaw mhux biss dak li jinghad fihom izda wkoll il-konsegwenzi kollha li ggib maghhom l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha bl-ekwita, bl-uzu u bil-ligi.

31. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Gourmet Company Limited et vs Mariano Vella**, (App 19/11/2001):

> "… l-iskritturi li jikkrejaw obbligazzjonjiet bejn il-kontraenti kellu jigi prezunt illi huma validi u li fedelment jirriflettu l-volonta kontrattwali taghhom. Min, bhall-appellat, jallega l-kontra u jadduci propju l-vizzju tal-kunsens kontrattwali bazat fuq xi wiehed mill-elementi li l-ligi stess tindika bhala raguni valida biex jigi vizjat tali kunsens, kellu biex jirnexxi fl-azzjoni, jipproduci provi univoci, konkluzivi, kredibbli u attendibbli in sostenn tal-pretensjonijiet tieghu ..."

32. Fil-fehma ta' dina l-Qorti, wara li evalwat il-provi kollha mill-gdid, tasal ghal konkluzjoni li hemm diversi fatturi u cirkostanzi li jaghtu ragun lill-appellant li l-kunsens tal-appellat ma kienx ivvizzjat.

33. L-appellat xehed li kien iltaqa' ma' Vella tlett snin qabel u kien jafu fil-business tal-gbir tal-iskart. Dak iz-zmien hu kien subcontracted ma' Greenlines li kienu kompetituri tal-appellant. L-appellat kien gie inkarigat minn Greenlines jinzel bit-truck biex jara ir-ronda ta' Vella halli jaraw jekk in-negozju kienx jghodd ghalihom. Greenlines pero` ma dahlux ghal dan ix-xoghol u minflok thajjar ghalih l-appellat.

34. Hu minnu li l-appellant ma kienx qal lill-appellat li kienet se tinbidel is-sistema tal-gbir tal-iskart, imma hu jsostni li l-appellat kien midhla ta' dana x-xoghol ta' gbir ta' skart ma' Greenlines u ghalhekk billi hu kien f'dan ix-xoghol ma setax ma kienx a konoxxenza tal-fatt li kienet se tiddahhal sistema gdida ta' separazzjoni ta' skart. Din is-sistema ma kinitx

se tidhol mil-lum ghal ghada u kienu ilhom jghidu bid-dhul tas-sistema u li kienu qed isiru preparamenti ghaliha biex tiddahhal. Ghalhekk l-appellat, li kien f'dana ix-xoghol partikolari, u mhux semplici xufier, ma setax ma jkunx jaf jew ma semax biha. L-appellant xehed li meta gie iffirmat il-ftehim in kwistjoni ma kienx ghad hemm data meta kienet ser tidhol din is-sistema u anke meta eventwalment dahlet fis-sehh lanqas ma kienet obbligatorja.

35. Barra minn hekk, il-klawsola V(1) tal-kuntratt iffirmat bejn l-appellant u l-appellat tistipula fost ohrajn illi:

> "… The entire risk as to the results and performance of the Going Concern and/or of the Assets is assumed by the Purchaser. In this respect, the **Purchaser declares** to have duly examined and inspected the Assets and **to have duly and independently evaluated the commercial prospects of the Going Concern** and to be satisfied with the Assets' present state **and condition and the Going Concern's - financial and business prospects**. (emfazi tal-Qorti)"

36. Din il-klawsola poggiet l-oneru fuq l-appellat illi hu jaghmel evalwazzjoni tal-prospetti kummercjali li jinkludu il-prospetti finanzjarji u ta' negozju potenzjali tal-Going Concern koncernat. Kieku l-appellat verament ghamel il-verifiki indipendenti tieghu, anki jekk ghall-grazzja tal-argument ma kienx familjari man-negozju, din il-Qorti thoss li kien ragonevolment isir jaf bit-tibdil fis-sistema li kienet imminenti. F'dan il-kaz izda, mhux talli hekk, imma l-appellat kien midhla tas-settur in kwistjoni u allura kien ehfef ghalih li jsir jaf bit-tibdil li kien gej minn persuna li ma

kinitx midhla tas-settur ghaliex kellu anki l-kuntatti ta' nies f'dan is-settur (kif jirrizulta mix-xhieda).

37. L-ewwel Qorti qieset li l-bidla fis-sistema tal-iskart kellha impatt kbir fuq in-negozju li xtara l-appellat ghaliex din is-sistema kienet tirrikjedi ferm aktar xoghol, aktar skips, operazzjoni ta' tindif aktar spissi, u rondi aktar frekwenti, izda min-naha l-ohra l-appellant isostni li bis-sistema l-gdida, l-appellat seta juza l-istess apparat li xtara u b'iktar hin ta' xoghol kien se jaghmel aktar qliegh ukoll. Ghalhekk skont l-appellant il-bdil fis-sistema kien ser ikun ta' beneficcju u ta' qliegh akbar ghall-appellat u mhux ta' detriment. Kien se jaghmel aktar vjaggi imma jithallas aktar.

38. F'dan il-kaz l-appellat ma kienx se jixtri xi karozza imma kien se jixtri negozju shih. Jirrizulta mill-provi li l-appellat ma xtarax dan in-negozju mil-lum ghal ghada imma ghadda certu zmien qabel iddecieda li jaghmel il-ftehim. L-appellant kien ghamel hames gimghat idur fuq ir-ronda tax-xoghol mal-appellant u ra l-volum tax-xoghol li kellu n-negozju li kien se jixtri u l-mezzi li bih kien se jaghmel dak ix-xoghol. F'dak iz-zmien l-appellant ta lill-appellat il-lista tal-klijenti tieghu u laqqaghhom mieghu. L-appellant kien imur kull filghodu minn x'hin jibda sakemm jispicca biex l-appellat jidra r-rotta u jsir jaf il-klijenti u gieli kien imur anke missier l-appellat. L-appellant dejjem uza l-istess ingenji li biegh lill-

appellat u f'dak il-perjodu ma kienx hemm problemi ghax kieku l-appellat kien ighidlu.

39. L-appellant kien ta d-dokumenti lill-appellat ukoll biex jipprova jiehu loan mill-bank biex jixtri n-negozju, imma ma rnexxilux, u l-appellant kien lest li jakkomodah billi tah zmien sentejn biex ihallas u lanqas hadlu depozitu biex ikun jista' jghinu. L-appellant kien qallu li mill-profitt li kien ser jaghmel min-negozju kien ikun jista' jhallsu lura. Fil-fehma tal-Qorti li kieku l-appellant ried iqarraq bl-appellat ma kienx se jaghtih dak iz-zmien kollu la biex jiddeciedi jixtrix in-negozju u anqas biex ihallas lura s-somma miftiehma fuq il-kuntratt u jiehu riskju li ma jithallasx lura tan-negozju li kien ghadu kemm bieghlu. Inoltre l-fatt li l-appellant kien qed jistenna li jithallas lura flusu mill-profitt li l-appellat kien se jaghmel min-negozju, juri li l-appellant kien verament jemmen fil-vjabilita tan-negozju li kien biegh u li kien jiggarantilu l-hlas lura tal-flus li kellu jircievi minghand l-appellat. Altrimenti ma kien se jkollu ebda prospett li jithallas lura.

40. Illi biex id-dolo jirnexxi ma jridx ihalli lill-vittma zmien u hsieb biex jirresisti. (ara **P. Borg Cardona vs E.F.W Limited et**, App 03/12/2010). Fil-kaz in ezami altru milli kellu zmien l-appellat biex jahseb fuq il-pass li kien se jaghmel u jivverifka l-affarijiet. Hu kien jaf in-negozju x'kien; kien gie mgharraf fuq il-volum u l-kwalita` tax-xoghol kemm meta kien ma' Greenlines kif ukoll meta gie mdawwar mill-appellant. Hu kellu wkoll iz-

zmien biex isib il-finanzjament tan-negozju. Hu kien dejjem assistit minn missieru u xejn ma zammu milli jikkonsulta m'avukat dwar il-ftehim li kien diehel fih, imma jidher li ma hassx li kellu bzonnu.

41. Jirrizulta wkoll mill-provi prodotti li l-appellat dam xi sena u tlett xhur jahdem f'dan in-negozju li xtara u baqa' jaghti servizz mill-1 ta' Gunju 2009 sal-31 ta' Ottubru 2010 u l-ilmenti tal-appellat f'dak iz-zmien ma kinux dwar is-sistema tar-recycling imma dwar il-vetturi u l-iskips. Fil-fatt xehdu xi sidien tal-lukandi li qalu li f'dan il-perjodu s-servizz baqa' mhux interrott u meta l-appellat twaqqaf mill-kuntratt kien ghaliex, kif xehed Deguara, direttur tal-Panorama Hotel, is-servizz li kien qed jaghti l-appellat ma kienx tajjeb. L-appellant kellu ilmenti li l-appellat ma kienx qed imurilhom kuljum jew imurilhom tard u anke halla xi skips warajh.

42. Jigi rilevat li kien biss wara sentejn minn meta gie ffirmat il-kuntratt li l-appellat mexa b'dina l-kawza biex ixolji l-kuntratt. Il-kuntratt kien gie ffirmat fit-28 ta' Mejju 2009. L-appellant kien baghat ittra ufficjali lill-appellat biex ihallas skond il-kuntratt fis-27 ta' Jannar 2011 u l-appellat ma hallasx u minflok fetah dina l-kawza fl-24 ta' Mejju 2011 biex ihassar il-kuntratt.

43. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti meta tqis ic-cirkostanzi u l-fatti ta' kif zvolgew in-negozjati ghandu jirrizulta li l-kunsens tal-appellat ma kienx ivvizzjat.

44. Fil-kawza **Anthony Piscopo v. Charles Filletti et**, (PA 16/06/2003), gie ritenut li ma jistax jigi allegat ingann meta l-fatti kienu facilment accertabbli:

> "Dan ma jistax hlief ifisser illi mhux kwalsiasi ingann ta' kontraent wiehed ghad-dannu tal-iehor jammonta ghad-dolo rikjest mil-ligi;
>
> "Jidher bil-wisq car minn dak ammess mill-istess attur illi hu irpoza l-fiducja tieghu fil-konvenut venditur. Jidher daqstant iehor pero car illi l-attur, kif gja muri fuq, ma agixxiex b'mod prudenti. Ghall-kuntrarju, sorprendentement ikkomporta ruhu b'leggerezza ghamja. Multo magis, imbaghad, meta l-fatti kienu facilment accertabbli, kif hekk skopra tardivament wara l-akkwist;
>
> "Ikun tassew facli f'kazijiet konsimili kieku kellu jigi accettat illi bl-iskuza tal-allegata mala fede da parte ta' wiehed mill-kontraenti, il-kontraent l-iehor japprofitta ruhu biex jezimi ruhu mill-obbligu li ma jirrispettax il-pattijiet jew biex ihassar u jannulla ftehim konkjuz;"

45. F'dan il-kaz l-appellat bhala midhla fix-xoghol ta' gbir ta' skart ma setax ma kienx jaf jew sema' dwar id-dhul imminenti ta' sistema gdida ta'gbir ta' skart li kien propjament il-linja ta' xoghol tieghu. Dawn kienu fatti li kienu facilment accertabbli. Din il-fehma hija konfortata bil-konsiderazzjonijiet l-ohra hawn fuq maghmula

Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi milqugh.

**It-tieni aggravju – skips u scammels outdated**

46. L-appellant ssottometta li l-iskips u l-iscammels li gew mixtrija mill-appellat huma l-istess ingenji li l-appellat kien uza u spezzjona matul il-hames gimghat li ghamel idur mal-appellanti qabel iffirma l-ftehim. Ghalhekk hu kien jaf bl-istat li fih kienu jinsabu l-ingenji. Kif jirrizulta mill-klawsola V(1) tal-ftehim, l-appellat xtara l-ingenji tale quale u kien spezzjona l-assi u kien kuntent bl-avvjament. L-appellat zmien wara l-ftehim rega xtara makkinarju iehor minghandu u ma hallsux. Dwar l-iskips l-appellant ighid li l-allegazzjoni tal-appellat li parti minnhom kienu ta' terzi tinsab biss fl-affidavit tieghu u hu ma gab ebda prova konkreta biex jissostanza dak allegat minnu.

47. L-ewwel Qorti ddecidiet li l-ingenji illi gew mibjugha lill-attur, ma kienux kapaci illi jwettqu l-iskop 'l ghalih kienu nbieghu, u li Vella kien jaf sewwa bil-kondizzjoni mweghra ta' dawn l-ingenji kif kien jaf ukoll bl-ilmenti li l-awtoritajiet kienu ghamlu dwarhom. Dik il-Qorti fehmet li Vella ried jehles minn dawk l-ingenji.

48. Illi kwistjoni principali li kellha tiddeciedi l-Ewwel Qorti kienet jekk il-kunsens tal-attur kienx ivvizzjat meta ffirma l-iskrittura tat-28 ta' Mejju 2009. Ir-raguni ewlenija li fuqha l-ewwel Qorti sabet li l-kunsens kien

ivvizzjat kienet li l-appellant ma kienx infurmah bid-dhul imminenti fl-operazzjoni tas-sistema tas-separazzjoni tal-iskart.

49. Dwar ingenji u skips kien hemm provvdut fl-artikolu V(1) tal ftehim li dawn kienu qed jinbieghu tale quale.

50. Il-klawsola V(1) tghid hekk:

> “The Assets are being sold in their present state and condition or 'tale quale' without any warranties, express or implied, or conditions including, but not limited to, warranties as to latent defects, warranties of merchantable quality, satisfactory quality, merchantability or fitness for a particular purpose, or those arising by Law, statute, usage of trade, course dealing or otherwise. The entire risk as to the results and performance of the Going Concern and/or of the Assets is assumed by the Purchaser. In this respect, the Purchaser declares to have duly examined and inspected the Assets and to have duly and independently evaluated the commercial prospects of the Going Concern and to be satisfied with the Assets' present state and condition and the Going Concern's - financial and business prospects”

51. Jirrizulta mill-provi li l-appellant ghamel xi hames gimghat idur mal-appellant fuq ir-ronda tax-xoghol u ghalhekk kellu zmien bizzejjed biex jispezzjona u jara l-istat taghhom u jekk kienux jahdmu sew jew le. L-appellant ighid li anke missier l-appellat kien mar fuq ir-ronda tax-xoghol maghhom u huma kienu sodisfatti ghax kieku ma kinux ser jersqu ghall-kuntratt.

52. Dwar l-iskips l-appellat xehed li hu kien ra li dawn kienu mkissrin u kellhom il-hsara imma qaghad fuq il-kelma ta’ Vella li kien se jmur tajjeb

fin-negozju. Hu ghamel sena u tlett xhur jahdem bihom. Dwar dawn l-iskips l-appellat ighid ukoll li certu Zeppu kien hadlu numru ta' skips ghax ippretenda li kienu tieghu u kien dahhal lil Pulizija fil-kwistjoni u anke kellem lill-appellant fuq hekk imma dana ma ghamel xejn. Ghalkemm mhux eskluz li seta kien hemm terz li ppretenda li xi skips kienu tieghu, fil-fehma ta' dina l-Qorti, l-appellat ma ressaq ebda prova ohra jew xhieda jew almenu rapport tal-pulizija biex jissotanza dak allegat minnu. Lanqas ma kien car fix-xhieda tieghu dwar kemm fil-fatt naqsulu skips. Fil-fehma ta' dina l-Qorti r-raguni principali li wasslet lill-Ewwel Qorti biex tiddeciedi li l-kunsens tal-appellat kien ivvizzjat kienet li l-appellant ma infurmahx bil-bdil fis-sistema, l-fatturi l-ohra kienu sekondarji u ma kinux koperti b'talbiet indipendenti ghal dak premess dwar l-ingenji u t-taghmir in kwistjoni.

53. Ghalhekk anki dan l-aggravju qed jigi michud.

**It-tielet aggravju – kunflitt bejn klawsoli**

54. L-ewwel Qorti qieset il-Klawsola V(c) u l-Klawsola V(I) tal-kuntratt datat 28 ta' Mejju 2009 fl-atti tan-Nutar Smith La Rosa u cioe` fejn l-assi gew mibjugha tale quale hija kompletament konfliggenti mal-Klawsola V(c).

Klawsola V(c) li:

> "There is no fact or circumstance relating to the Going Concern or the Assets known or which ought reasonably to be known to the Vendor, which had not been disclosed in writing to the Purchaser prior to or contemporaneously with the execution of this deed and which, if disclosed, might reasonably have been expected to influence the decision of the Purchaser to purchase the Going Concern and the Assets at the Consideration and/or on the terms contained in this deed or at all."

55. Il-Qorti taghmel referenza ghal konsiderazzjonijiet taht l-ewwel aggravju fejn sabet li l-kunsens tal-appellat ma kienx ivvizzjat u li ma giex pruvat li kien hemm qerq da parti tal-appellant. Billi ma hemmx ksur tal-Klawsola V(c) allura l-klawsola V(1) mhijiex konfliggenti mal-klawsola l-ohra V(c).

**Decide**

56. Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi dana l-appell billi tilqa' l-appell ta' Jamie Vella, tirrevoka s-sentenza appellata tas-16 ta' Ottubru 2014, u konsegwentement tichad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr